SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

3 ta' Lulju 2025*

[Test rettifikat bid-digriet tat-18 ta' Settembru 2025]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Setgħat u obbligi tal-qorti nazzjonali – Proċedura ta' falliment ta' persuna fiżika – Assenza ta' setgħa tal-qorti tal-fallimenti li teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli ta' kuntratt li wasslu għal kreditu inkluż fil-lista tal-krediti – Assenza ta' setgħa ta' din il-qorti li tordna miżuri provviżorji – Prinċipju ta' effettività"

Fil-Kawża C-582/23 [Wiszkier] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łódź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łódź, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Awwissu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Settembru 2023, fil-proċedura

[Test rettifikat permezz ta' digriet tat-18 ta' Settembru 2025]

R.S.,

fil-preżenza ta':

C. S.A.,

P.C., bħala mandatarju stralċjarju ta' R.S. u ta' M.S.,

M.K., bħala mandatarju stralċjarju ta' G. S.A.,

J.J.,

M.G.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tal-Awla, N. Jääskinen (Relatur), A. Arabadjiev, M. Condinanzi u R. Frendo, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Avukat Ġenerali: D. Spielmann,

Reġistratur: M. Siekierzyńska, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Novembru 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal P.C., bħala mandatarju stralċjarju ta' R.S. u ta' M.S., minn M. Kiejna, radca prawny,

– għal M.K., bħala mandatarju stralċjarju ta' G. S.A., minn P. Cieślak, M. Pyzik-Waląg J. Szewczak, Ł. Żak, adwokaci, u M. Pugowski, aplikant radcowski,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, M. Kozak, K. Rudzińska, u S. Żyrek, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Brauhoff, O. Glinicka, P. Kienapfel u P. Ondrůšek, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment li tikkonċerna lil R.S., konsumatur f'falliment personali, dwar id-determinazzjoni ta' pjan ta' rimbors tal-krediturі tiegħu, fosthom bank, jiġifieri G. S.A. (iktar 'il quddiem il-"bank G.").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-kliem tal-erbgħa u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13:

"[b]illi l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri għandu jkollhom għad-disposizzjoni tagħhom mezz adegwat u effettiv biex jipprevenu li jkomplu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti tal-konsumaturi".

4 L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu

lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

5 L-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

Id-dritt Pollakk

Il-Liġi dwar il-Falliment

6 Il-proċedura ta' falliment hija rregolata mill-ustawa – Prawo upadłościowe (il-Liġi dwar il-Falliment), tat-28 ta' Frar 2003 (Dz. U. Nru 60, intestatura 535), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-proċedura fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2019, intestatura 498, kif emendata) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Falliment").

7 Skont l-Artikolu 2(2) tal-Liġi dwar il-Falliment, il-proċedura rregolata minn din il-liġi fir-rigward tal-persuni fiżiċi li ma jeżerċitawx attività ekonomika għandha titwettaq b'tali mod li tippermetti li jinħafru d-djun tal-persuna falluta li ma jkunux ġew eżegwiti fil-proċedura ta' falliment u, sa fejn ikun possibbli, li tissodisfa kemm jista' jkun il-krediti tal-krediturі tagħha.

8 L-Artikolu 61 ta' din il-liġi jipprovdi li, mid-data tad-dikjarazzjoni ta' falliment, il-patrimonju tal-persuna falluta jsir il-massa fallimentari, li sservi sabiex jiġu ssodisfatti l-krediturі tagħha.

9 Skont l-Artikolu 62 tal-imsemmija liġi, il-massa fallimentari tinkludi l-patrimonju li jappartjeni lill-persuna falluta fid-data tad-dikjarazzjoni tal-falliment u dak li jkun akkwista matul il-proċedura ta' falliment, suġġett għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 63 sa 67a tal-istess liġi.

10 Mill-punt 2 tal-Artikolu 63(1) tal-Liġi dwar il-Falliment jirriżulta li fil-massa fallimentari ma hijiex inkluża l-parti mir-remunerazzjoni tal-persuna falluta li ma tkunx tista' tiġi ssekwestrata.

11 Skont l-Artikolu 151(1) ta' din il-liġi, b'effett mid-dikjarazzjoni tal-falliment, l-atti tal-proċedura ta' falliment għandhom jitwettqu mill-imħallef superviżorju, bl-eċċezzjoni tal-atti li għalihom il-qorti tal-fallimenti hija kompetenti.

12 Skont l-Artikolu 152(1) tal-imsemmija liġi, huwa l-imħallef superviżorju li għandu jmexxi l-proċedura ta' falliment, jistħarreġ l-atti tal-istralċjarju, jindika l-atti tal-istralċjarju li jeħtieġu l-kunsens tal-imħallef superviżorju jew tal-kumitat tal-krediturі u jirrileva n-nuqqasijiet imwettqa mill-istralċjarju. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu 152, l-imħallef superviżorju għandu jwettaq l-atti l-oħra ddefiniti fl-istess liġi.

13 L-Artikolu 154 tal-Liġi dwar il-Falliment jipprovdi li l-imħallef superviżorju għandu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-qorti tal-fallimenti u tal-president ta' din il-qorti fil-kuntest tal-azzjonijiet tiegħu.

14 L-Artikolu 236 ta' din il-liġi jipprevedi:

"1. Kreditur li għandu kreditu fuq il-patrimonju personali tal-persuna falluta, li għandu l-intenzjoni li jipparteċipa fil-proċedura ta' falliment, huwa obbligat, meta jkun neċessarju li l-kreditu tiegħu jiġi stabbilit, li jiddikjarah lill-imħallef superviżorju fit-terminu stabbilit fid-digriet ta' dikjarazzjoni ta' falliment.

2. Kreditur għandu wkoll id-dritt li jiddikjara kreditu meta dan ikun iggarantit permezz ta' ipoteka, garanzija, bit-teħid tal-pussess jew mingħajru, privileġġ tat-teżor pubbliku, ipoteka marittima jew kwalunkwe reġistrazzjoni oħra fir-reġistru tal-artijiet jew fir-reġistru tal-vapuri. Jekk kreditur jonqos milli jiddikjara dawn il-krediti, dawn jiġu inklużi *ex officio* fil-lista tal-krediti.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-krediti ggarantiti b'ipoteka, garanzija, bit-teħid tal-pussess jew mingħajru, privileġġ tat-teżor pubbliku, ipoteka marittima fuq beni li jagħmlu parti mill-massa fallimentari, jekk il-persuna falluta ma tkunx debitur fir-rigward tal-patrimonju personali tagħha u l-kreditur ikollu l-intenzjoni li jitlob il-krediti tiegħu fuq il-proprjetà suġġetta għall-proċedura ta' falliment.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu dwar il-krediti japplikaw għad-djun l-oħra li għandhom jiġu ssodisfatti mill-massa fallimentari."

15 L-Artikolu 243 tal-imsemmija liġi jispeċifika, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-istralċjarju għandu jivverifika jekk il-kreditu ddikjarat huwiex sostnut mill-kontijiet jew minn dokumenti oħra tal-persuna falluta jew inkella mir-reġistrazzjonijiet fir-reġistru tal-artijiet jew f'reġistri oħra, u jistieden lill-persuna falluta tipproduċi, f'terminu stabbilit, dikjarazzjoni li tindika jekk tirrikonoxxix il-kreditu.

16 L-Artikolu 244 tal-istess liġi jipprovdi li, wara l-iskadenza tat-terminu għad-dikjarazzjoni tal-krediti u l-verifika tal-krediti ddikjarati, l-istralċjarju għandu jistabbilixxi immedjatament il-lista tal-krediti, sa mhux iktar tard minn xahrejn li jibdew jiddekorru mit-tmiem tat-terminu għad-dikjarazzjoni tal-krediti.

17 Skont l-Artikolu 260(2) tal-Liġi dwar il-Falliment, fil-każ ta' nuqqas ta' oppożizzjoni, l-imħallef superviżorju għandu japprova l-lista tal-krediti wara l-iskadenza tat-terminu ta' oppożizzjoni.

18 Mill-Artikolu 261 tal-istess liġi jirriżulta li l-imħallef superviżorju jista' jemenda *ex officio* l-lista tal-krediti jekk jikkonstata li ġew irreġistrati fiha krediti totalment jew parzjalment ineżistenti, jew li hemm nieqsa krediti li kellhom ikunu inklużi fiha, li d-digriet li jemenda l-lista huwa ppubblikat *ex officio* u li dan id-digriet jista' jiġi kkontestat.

19 L-Artikolu 491[14] tal-imsemmija liġi jipprevedi:

"1. Wara l-eżekuzzjoni tal-pjan definittiv ta' tqassim, u meta, minħabba l-insuffiċjenza tal-patrimonju tal-persuna falluta, ma jkunx ġie stabbilit pjan ta' tqassim, il-qorti tal-fallimenti għandha tistabbilixxi, wara li jiġu approvati l-lista ta' krediti, il-persuna falluta, l-istralċjarju u l-kredituri mismugħa, pjan ta' rimbors tal-kredituri jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 491[16], tiddikjara l-maħfra tad-djun tal-persuna falluta mingħajr ma tistabbilixxi pjan ta' rimbors tal-kredituri.

2. Id-digriet dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' rimbors tal-krediturі jew dwar il-maħfra tad-djun tal-persuna falluta mingħajr ma jiġi stabbilit pjan ta' rimbors tal-krediturі għandu jiġi nnotifikat lill-krediturі. Dan id-digriet jista' jiġi kkontestat.

3. Il-proċedura tintemm meta d-digriet dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' rimbors tal-krediturі jew dwar il-maħfra tad-djun tal-persuna falluta mingħajr ma jiġi stabbilit pjan ta' rimbors tal-krediturі jikseb l-awtorità ta' *res judicata*."

20 L-Artikolu 491[15](1) u (4) tal-istess liġi jipprovdi:

"1. Fid-digriet dwar l-istabbiliment tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі, il-qorti tal-fallimenti għandha tippreċiża sa fejn u f'liema terminu, li ma jeċċedix 36 xahar, il-persuna falluta għandha tħallas lura d-djun irrikonoxxuti fil-lista ta' krediti, mhux eżegwiti matul il-proċedura abbażi tal-pjanijiet ta' tqassim, u liema parti mid-djun tal-persuna falluta dovuti qabel id-data tad-dikjarazzjoni ta' falliment ser tiġi maħfura wara l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі.

[…]

4. Il-qorti tal-fallimenti ma hijiex marbuta bil-pożizzjoni tal-persuna falluta dwar it-termini tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі. Sabiex tiddetermina l-pjan ta' rimbors tal-krediturі, din il-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet ta' dħul tal-persuna falluta, il-ħtieġa li l-persuna falluta u d-dipendenti tagħha jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom, inklużi l-bżonnijiet tagħhom fir-rigward tal-akkomodazzjoni, l-ammont ta' krediti mhux issodisfatti u l-possibbiltà reali li dawn jiġu ssodisfatti sussegwentement."

Il-Liġi dwar il-Kodiċi tax-Xogħol

21 L-Artikolu 87 tal-ustawa – Kodeks pracy (il-Liġi dwar il-Kodiċi tax-Xogħol), tas-26 ta' Ġunju 1974 (Dz. U. Nru 24, intestatura 141), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-proċedura fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2022, intestatura 1510, kif emendata), jipprevedi, b'mod partikolari, li, fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' djun oħra jew ta' kumpens li jikkonċerna somom imħallsa mill-persuna li timpjega sabiex ikopru spejjeż professjonali, jistgħu jinżammu ammonti li ma jaqbżux nofs is-salarju.

Il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22 Fit-30 ta' Marzu 2007, R.S., il-konjuġi tiegħu u żewġ persuni fiżiċi oħra kkonkludew mal-bank G. kuntratt ta' kreditu ipotekarju iddenominat fuq il-frank Svizzeru (CHF), fl-ammont ta' 489 821.63 zlote Pollakki (PLN) (madwar EUR 116 587.34) u għal perijodu ta' 360 xahar.

23 Permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, R.S. ġie ddikjarat fallut personalment u, sussegwentement, inħatar stralċjarju.

24 Permezz ta' digriet tas-26 ta' April 2021, l-imħallef superviżorju approva lista ta' krediti stabbilita minn dan l-istralċjarju. Il-maġġoranza tal-krediti li jinsabu f'din il-lista kienu krediti tal-bank G., skont il-kuntratt ta' kreditu ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni u R.S. irrikonoxxa dawn il-krediti kollha.

25 Fl-20 ta' Lulju 2023, ġie ddikjarat il-falliment tal-bank G. u l-proċedura ta' falliment tkompliet mal-istralċjarju tiegħu.

26 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, hija l-qorti tal-fallimenti li għandha tiddetermina, abbażi tal-lista ta' krediti diġà stabbilita mill-istralċjarju u approvata mill-imħallef superviżorju, pjan ta' rimbors tal-krediti tal-persuna falluta jew tikkonstata li l-assi diġà akkumulati fil-massa fallimentari huma biżżejjed sabiex jonoraw id-djun kollha tagħha u li pjan ta' rimbors ma huwiex neċessarju. Id-deċiżjoni ta' din il-qorti f'dan ir-rigward ittemm il-proċedura ta' falliment.

27 F'dan il-każ, l-imsemmija qorti hija s-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łódź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łódź, il-Polonja), li hija l-qorti tar-rinviju. Hija tqis li l-kuntratt ta' kreditu ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali jinkludi klawżoli inġusti li jistgħu jwasslu għan-nullità tiegħu u tirrileva li dan l-aspett ma ġiex eżaminat preċedentement. Skont din il-qorti, il-krediti tal-bank G. huma inqas minn dawk iddikjarati, jew saħansitra ma jeżistux.

28 F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tosserva, fl-ewwel lok, li, għalkemm R.S. diġà rrikonoxxa l-krediti kollha, mill-proċess tal-proċedura ta' falliment ma jirriżultax li din il-parti kienet ġiet informata bin-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni fil-kawża prinċipali u lanqas li hija ddikjarat b'għarfien sħiħ tal-fatti li hija ma kinitx qiegħda titlob il-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13. Madankollu, ir-rappreżentant professjonali ta' R.S., li ilu jirrappreżentah mit-3 ta' Novembru 2022, sostna quddiem l-istess qorti li dan il-kuntratt ta' kreditu ipotekarju kien jinkludi klawżoli inġusti. Barra minn hekk, R.S. ma kellux il-possibbiltà li jressaq huwa stess azzjoni sabiex jitlob il-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu taħt din id-direttiva, peress li l-proprjetà tiegħu kienet u hija amministrata mill-istralċjarju.

29 Issa, skont il-qorti tar-rinviju, id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali ma jippermettux lill-qorti tal-fallimenti, meta tistabbilixxi pjan ta' rimbors tal-krediturі, li tistħarreġ hija stess in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali. Din il-qorti tista' biss tissospendi l-proċeduri quddiemha u tressaq il-kwistjoni quddiem l-imħallef superviżorju għal possibbiltà ta' emenda *ex officio* tal-lista ta' krediti, li jwassal għal dewmien fit-trattament tal-kawża.

30 Fit-tieni lok, din il-qorti tirrileva li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, huwa diffiċli li jiġi stabbilit liema korp għandu jeżamina, jekk ikun il-każ, in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali kkonċernati. Fil-fatt, l-imħallef superviżorju jeżamina d-dikjarazzjonijiet ta' krediti biss mill-perspettiva formali u jibgħathom lill-istralċjarju, li jeżaminahom fil-mertu u jistabbilixxi l-lista tal-krediti. Għalhekk, l-imħallef superviżorju ma għandux il-possibbiltà legali li jemenda din il-lista qabel l-approvazzjoni tagħha, ħlief fil-każ ta' oppożizzjoni minn persuna awtorizzata għal dan l-għan.

31 Peress li, f'dan il-każ, ma kienx hemm oppożizzjoni u peress li R.S. ma invokax, quddiem l-imħallef superviżorju, in-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan l-imħallef superviżorju ma kienx obbligat, skont id-dritt nazzjonali, jivverifika l-fondatezza tal-kreditu tal-bank G. inkluż fil-lista tal-krediti. L-allegazzjoni dwar in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli ta' dan il-kuntratt ta' kreditu ipotekarju tqajmet mir-rappreżentant ta' R.S. biss quddiem il-qorti tar-rinviju.

32 Fit-tielet lok, din il-qorti tippreċiża li, skont id-dikjarazzjonijiet ta' R.S., wara li jinżammu s-somom intiżi li jitħallsu fil-massa fallimentari, huwa jibqagħlu ammont li ma huwiex suffiċjenti sabiex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu u dawk tal-familja tiegħu. Madankollu, id-dispożizzjonijiet

applikabbli għall-proċedura ta' falliment inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jippermettux, la lill-qorti tal-fallimenti u lanqas lill-imħallef superviżorju, li jaġixxu bi kwalunkwe mod li jkun fir-rigward tal-ammont ta' din iż-żamma ta' fondi.

33 Fir-raba' u l-aħħar lok, l-imsemmija qorti tfakkar li l-fondi miġbura matul il-proċedura ta' falliment iservu sabiex jitħallsu il-krediturі kollha, u mhux biss il-bank G. Issa, fid-dawl tal-ammont tal-fondi mħallsa fil-massa fallimentari u ta' dak ta' dejn ieħor, jista' jirriżulta li dawn il-fondi jkunu suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-krediti, bl-eċċezzjoni tal-kreditu tal-bank G. Skont l-Artikolu 87 tal-Liġi dwar il-Kodiċi tax-Xogħol, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-proċedura fil-kawża prinċipali, nofs is-salarju tal-persuna falluta jibqa' jitħallas fil-massa u huwa biss fi tmiem il-proċedura ta' falliment li l-eċċess li jista' jkun hemm jitħallas lura lilu.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li l-persuna falluta tista' tiġi skoraġġuta milli titlob il-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 93/13 peress li, jekk ma titlobx dan, il-qorti tal-fallimenti tista' tistabbilixxi iktar malajr fir-rigward tagħha pjan ta' rimbors li jieħu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet tagħha u dawk tal-familja qrib tagħha, li probabbilment ikun assoċjat ma' rimbors ta' ammonti inqas mis-somom miżmuma mis-salarji. Madankollu, dan jimplika li jiġi aċċettat il-fatt li l-lista ta' krediti tinkludi dak tal-bank G.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łódź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łódź) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li qorti tal-fallimenti hija marbuta bil-lista ta' djun approvata mill-imħallef superviżorju fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, li jipprekludi li tiġi evalwata n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali meta l-imħallef superviżorju jagħti d-deċiżjoni tiegħu li ttemm il-proċedura?

2) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġu ordnati miżuri provviżorji fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment u li għalhekk tista' tiddisswadi lill-konsumaturi milli jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

36 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment ta' persuni fiżiċi, ladarba l-lista tal-krediti tkun approvata minn istanza ġudizzjarja u l-proċedura tkun infetħet quddiem il-qorti tal-fallimenti, din tal-aħħar tkun marbuta b'din il-lista, b'tali mod li ma tkunx tista' tevalwa n-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu li fuqu huwa bbażat kreditu inkluż fl-imsemmija lista jew temenda l-istess lista, iżda għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirreferi l-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli lil din l-istanza ġudizzjarja.

37 F'dan r-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 hija dispożizzjoni imperattiva u għandha titqies bħala regola ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li għandhom, fl-ordinament ġuridiku intern, in-natura ta' regoli ta' ordni pubbliku (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et*, C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punti 54 u 55, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 B'hekk, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, meta tagħmel dan, għandha tirrimedja l-iżbilanċ li jkun jeżisti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew il-fornitur, meta jkollha quddiemha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan (sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Ibercaja Banco, C-600/19, EU:C:2022:394, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura u tal-importanza tal-interess pubbliku li l-protezzjoni tal-konsumaturi tikkostitwixxi, id-Direttiva 93/13 tobbliga lill-Istati Membri, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 7(1) tagħha, moqri flimkien mal-erba' u għoxrin premessa tagħha, jipprevedu mezzi adegwati u effettivi "biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri" (sentenza tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura magħluqa permezz ta' deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Peress li d-domanda magħmula f'dan il-każ tirrigwarda l-proċedura ta' falliment ta' persuna fiżika li ma teżerċitax attività ekonomika, għandu jitfakkar, fit-tieni lok, li d-dritt tal-Unjoni ma jarmonizzax il-proċeduri applikabbli għall-eżami tan-natura possibbilment inġusta ta' klawżola kuntrattwali, b'tali mod li dawn jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u li dawn ma jirrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (sentenzi tal-4 ta' Mejju 2023, BRD Groupe Société Générale u Next Capital Solutions, C-200/21, EU:C:2023:380, punt 28, kif ukoll tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura li ntemmet b'deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha ebda prova tali li tqajjem dubju dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma' dan il-prinċipju.

42 Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, il-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi analizzata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha kif ukoll, fejn rilevanti, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħalma huma l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura. Madankollu, il-karatteristiċi speċifiċi tal-proċeduri ma jistgħux jikkostitwixxu element li jista' jaffettwa l-protezzjoni ġuridika li għandhom jibbenefikaw minnha l-konsumaturi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 (sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Impuls Leasing România (C-725/19, EU:C:2022:396, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li l-osservanza tal-prinċipju ta' effettività ma tistax tasal sal-estent li jkun hemm kumpens sħiħ tal-passività totali tal-konsumatur ikkonċernat (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones, C-40/08, EU:C:2009:615, punt 47 u tal-24 ta' Ġunju 2025, GR REAL, C-351/23, EU:C:2025:474, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Barra minn hekk, l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw l-effettività tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-Unjoni jimplika, b'mod partikolari għad-drittijiet li joħorġu mid-Direttiva 93/13, rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, affermat fl-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva u stipulat ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (sentenza tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mitmuma b'deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li lista tal-krediti approvata mill-imħallef superviżorju hija vinkolanti għall-qorti tal-fallimenti, b'tali mod li din tal-aħħar ma tistax tagħmel hija stess konstatazzjonijiet ta' fatt f'dak li jirrigwarda l-eżistenza tal-krediti sabiex tistabbilixxi l-pjan ta' rimbors tal-kredituri. Skont il-qorti tar-rinviju, l-uniku mezz li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha, sabiex tiġi mistħarrġa n-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt li minnu joriġina kreditu inkluż fil-lista tal-krediti stabbilita mill-istralċjarju u approvata mill-imħallef superviżorju, huwa li tadixxi lil dan l-imħallef superviżorju sabiex jeżamina kemm dawn il-klawżoli kuntrattwali kif ukoll in-neċessità li din il-lista tiġi emendata *ex officio*.

46 Minn dan jirriżulta wkoll li l-obbligu, għall-qorti tal-fallimenti, li tadixxi l-imħallef superviżorju jdewwem l-għeluq tal-proċedura ta' falliment u jipprolonga, minħabba l-alimentazzjoni kontinwa tal-massa fallimentari biż-żamma ta' ammonti mis-salarju tal-persuna falluta matul il-proċedura kollha, is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha. L-estensjoni tal-proċedura tista' għalhekk tiskoraġġixxi lil din il-persuna falluta milli tinvoka d-dritt tagħha li titlob il-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 93/13.

47 Kif spjegat il-qorti tar-rinviju fir-risposta tagħha għal talba għal kjarifiki indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja lil din tal-aħħar skont l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, persuna falluta tiddependi ġeneralment mill-għeluq l-iktar mgħaġġel possibbli tal-proċedura ta' falliment. Fil-fatt, waqt it-tfassil tal-pjan ta' rimbors, li jtemm din il-proċedura, il-qorti tal-fallimenti tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali ta' din il-persuna falluta, tal-ispejjeż tagħha, tan-neċessità li tipprovdi għall-bżonnijiet tal-persuni l-iktar qrib tagħha u, ħafna drabi, l-ammont mensili li l-imsemmija persuna falluta għandha talloka għar-rimbors tad-djun tagħha fi tmiem il-proċedura jkun ffissat f'ammont inqas minn dak tal-ammonti miżmuma mis-salarju matul l-imsemmija proċedura. B'hekk, l-istess persuna falluta tista' tiġi kostretta, sabiex tevita l-estensjoni tal-proċedura ta' falliment, li ma titlobx il-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 93/13 u li taċċetta pjan ta' rimbors li jinkludi kreditu li joriġina minn kuntratt li jinkludi klawżoli possibbilment inġusti.

48 Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li, skont l-informazzjoni li tinsab fil-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li r-riskju li l-persuna falluta tastjeni milli tinvoka n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali matul il-proċedura ta' falliment, jeżisti mhux biss fl-istadju ta' din il-proċedura li tiżvolġi quddiem il-qorti tal-fallimenti, iżda wkoll matul kull stadju tal-imsemmija proċedura. Fil-fatt, l-invokazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola li tinsab f'kuntratt li minnu joriġina kreditu, għandha, fi kwalunkwe każ, il-konsegwenza tad-dewmien tal-għeluq tal-istess proċedura.

49 Issa, għandu jiġi enfasizzat li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi testendi għall-każijiet li fihom il-konsumatur li jkun ikkonkluda ma' bejjiegħ jew fornitur kuntratt li jinkludi klawżola inġusta jastjeni milli jinvoka, minn naħa, il-fatt li dan il-kuntratt jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, in-natura inġusta tal-klawżola inkwistjoni, jew minħabba li jinjora d-drittijiet tiegħu, jew minħabba li jkun skoraġġut milli jinvokahom minħabba l-ispejjeż li tinvolvi azzjoni ġudizzjarja jew il-piż finanzjarju li jkollu jġorr (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Kancelaria Medius, C-495/19, EU:C:2020:431, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Għaldaqstant, fid-dawl tal-elementi msemmija fil-punti 45 sa 47 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tista' tiskoraġġixxi lill-persuna falluta milli tinvoka d-dritt tagħha li titlob il-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 93/13, hija ta' natura li tirrendi eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni ta' din id-direttiva fil-kuntest tal-istess proċedura.

51 Għal kull skop utli, għandu wkoll jiġi ppreċiżat li d-dritt għal protezzjoni effettiva tal-konsumatur jinkludi l-possibbiltà li dan jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jinvoka d-drittijiet tiegħu, b'tali mod li l-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni, jekk meħtieġ, ir-rieda espressa mill-konsumatur meta, filwaqt li jkun konxju min-natura mhux vinkolanti ta' klawżola inġusta, dan tal-aħħar jindika madankollu li huwa kontra li din tiġi mwarrba, b'mod li jkun għalhekk qed jagħti il-kunsens liberu u informat tiegħu għall-klawżola inkwistjoni (sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco, C-452/18, EU:C:2020:536, punti 25 sa 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Issa, xejn fil-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermetti li jitqies li, f'dan il-każ, il-persuna falluta rrinunzjat, b'mod liberu u informat, għad-dritt tagħha li tinvoka l-protezzjoni li hija tibbenefika minnha skont id-Direttiva 93/13. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 88 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li l-persuna falluta, mingħajr ma kienet irrappreżentata minn avukat f'dan l-istadju tal-proċedura, irrikonoxxiet id-dikjarazzjonijiet ta' krediti mal-istralċjarju u ma ressqitx oppożizzjoni quddiem l-imħallef superviżorju ma jistax jitqies li huwa indikazzjoni ta' rinunzja libera u informata għal din il-protezzjoni.

53 Barra minn hekk, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, l-attitudni tal-persuna falluta ma tistax tiġi kklassifikata bħala totalment passiva, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 43 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, kif ġie espost fil-punt 28 ta' din is-sentenza, il-persuna falluta sostniet quddiem il-qorti tal-fallimenti, f'dan il-każ il-qorti tar-rinviju, li l-kuntratt ta' kreditu ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jinkludi klawżoli inġusti.

54 Fid-dawl tal-argumenti invokati minn M.K. waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, li jipprovdu li l-lista tal-krediti approvata mill-imħallef superviżorju kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, għandu jiġi enfasizzat ukoll li dan il-fatt ma jipprekludix neċessarjament eżami *ex officio*, mill-qorti tal-fallimenti, tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt li minnu joriġina kreditu inkluż f'din il-lista.

55 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, l-obbligu ta' eżami *ex officio* huwa ġġustifikat min-natura u mill-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi, b'tali mod li stħarriġ effettiv tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, kif meħtieġ minn din id-direttiva, ma jistax jiġi ggarantit jekk l-awtorità ta' *res judicata* tintrabat mad-deċiżjonijiet ġudizzjarji li ma jistabbilixxux tali stħarriġ (sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Ibercaja Banco, C-600/19, EU:C:2022:394, punt 50).

56 Għaldaqstant, sa fejn, f'dan il-każ, l-eżami tan-natura inġusta ta' klawżoli li jinsabu f'kuntratt li minnu kreditu inkluż fil-lista tal-krediti approvata mill-imħallef superviżur joriġina ma seħħx, fatt li fl-aħħar mill-aħħar għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, id-Direttiva 93/13 timponi fuq il-qorti tal-fallimenti l-obbligu li tevalwa n-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli kif ukoll li tislet il-konsegwenzi neċessarji minn dan.

57 Is-sitwazzjoni tista' tkun mod ieħor biss jekk l-imħallef superviżorju jkun indika espliċitament li kien wettaq eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li dan l-eżami, motivat tal-inqas fil-qosor, ma jkun irrileva l-eżistenza ta' ebda klawżola inġusta, jekk ikun il-każ bi preċiżazzjoni barra minn hekk li l-evalwazzjoni magħmula minn dan l-imħallef superviżorju fi tmiem l-imsemmi eżami ma setgħetx iktar tiġi kkontestata fl-assenza ta' azzjoni mressqa fit-terminu previst għal dan l-għan (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Unicaja Banco, C-600/19, EU:C:2022:394, punt 51).

58 Fid-dawl tar-raġunijiet kollha premessi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment ta' persuni fiżiċi, ladarba l-lista tal-krediti tkun approvata minn istanza ġudizzjarja, mingħajr ma tkun eżaminat in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ikkonċernat, u l-proċedura tkun infetħet quddiem il-qorti tal-fallimenti, din tal-aħħar tkun marbuta b'din il-lista, b'tali mod li ma tkunx tista' tevalwa n-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu li fuqu huwa bbażat kreditu inkluż fl-imsemmija lista jew temenda l-istess lista, iżda għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirreferi l-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli lil din l-istanza ġudizzjarja.

Fuq it-tieni domanda

59 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment ta' persuni fiżiċi, ma tipprevedix il-possibbiltà għall-qorti tal-fallimenti li tordna miżuri provviżorji intiżi li jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tal-persuna falluta fl-istennija tal-eżitu tal-eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu li minnu joriġina kreditu inkluż fil-lista ta' krediti approvata minn istanza ġudizzjarja oħra mingħajr ma tkun eżaminat in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ikkonċernat.

60 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, minn naħa, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-klawżoli kuntrattwali inġusti ma jorbtux lill-konsumatur, mingħajr ma dan ikollu bżonn iressaq azzjoni u jikseb sentenza li tikkonferma n-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli. Minn dan isegwi li l-qrati nazzjonali huma obbligati jeskludu l-applikazzjoni tal-imsemmija klawżoli sabiex dawn ma jipproduċux effetti vinkolanti fil-konfront ta' konsumatur, ħlief fil-każ li dan tal-aħħar jopponi għal dan (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Barra minn hekk, kif indikat ukoll fil-punt 39 ta' din is-sentenza, huma l-Istati Membri, fl-aħħar mill-aħħar, li għandhom, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-bejjiegħa jew fornituri kompetituri, ikunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi minn bejjiegħ jew fornitur.

62 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 40 ta' din is-sentenza, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumaturi prevista mid-Direttiva 93/13 jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

63 Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha ebda element ta' natura li jqajjem dubju dwar il-konformità ma' dan il-prinċipju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa fejn din ma tipprevedix il-possibbiltà, għall-qorti tal-fallimenti, li tordna miżuri provviżorji sabiex tipproteġi lill-persuna falluta fl-ambitu tal-proċedura ta' falliment.

64 Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, kif ġie rrilevat, essenzjalment, fil-punt 42 ta' din is-sentenza, il-punt dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha.

65 Fid-dawl ta' dan, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-kwistjoni dwar f'liema ċirkustanzi jista' jirriżulta neċessarju li l-qorti nazzjonali tagħti miżuri provviżorji sabiex tiżgura l-effettività tal-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, għandu jiġi enfasizzat li n-neċessità ta' tali miżuri għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 93/13, li huwa dak li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, Banca B., C-269/19, EU:C:2020:954, punt 37).

66 Għalhekk, il-qorti nazzjonali għandha tkun tista' tapplika miżuri provviżorji sabiex tippermetti l-effettività sħiħa tad-drittijiet li l-konsumatur jislet mid-Direttiva 93/13.

67 Huwa fil-fatt minn din il-perspettiva li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-protezzjoni ggarantita lill-konsumaturi minn din id-direttiva, b'mod partikolari fl-Artikolu 6(1) u fl-Artikolu 7(1) tagħha, teħtieġ li l-qorti nazzjonali, kompetenti sabiex tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, għandha tkun tista' tagħti miżura provviżorja xierqa, jekk dan ikun neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tingħata fir-rigward tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu), C-287/22, EU:C:2023:491, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Bl-istess mod, jista' jkun neċessarju li tali miżuri jittieħdu meta jkun hemm riskju li dan il-konsumatur iħallas, matul proċedura ġudizzjarja li t-tul tagħha jista' jkun kunsiderevoli, pagamenti mensili ta' ammont ogħla minn dak effettivament dovut jekk il-klawżola kkonċernata kellha tiġi eskluża, jekk dan ikun neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tingħata fir-rigward tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu), C-287/22, EU:C:2023:491, punti 42 u 43, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

69 F'dan ir-rigward, mill-indikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, l-ewwel nett, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tal-fallimenti ma għandhiex il-possibbiltà li tagħti miżuri provviżorji intiżi li jtaffu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna falluta fl-istennija tal-eżitu tal-eżami tan-natura possibbilment inġusta ta' klawżola kuntrattwali. Għalkemm, ċertament, il-persuna falluta ma tirrimborsax, qabel l-għeluq tal-proċedura ta' falliment, il-krediti inklużi fil-lista tal-krediti approvata mill-imħallef superviżorju, xorta jibqa' l-fatt li din il-persuna falluta hija mġiegħla tkompli, matul dan l-eżami,

issostni l-massa fallimentari abbażi ta' lista ta' krediti li potenzjalment tinkludi kreditu li joriġina minn tali klawżola. Kif ġie rrilevat fil-punt 46 ta' din is-sentenza, peress li l-invokazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali timplika l-estensjoni tal-proċedura ta' falliment, l-imsemmija persuna falluta tista' tiġi skoraġġuta milli tinvoka d-dritt tagħha li titlob il-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 93/13. It-tieni nett, mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li, f'dan il-każ, fid-dawl tal-ammont tal-fondi mħallsa sa issa fil-massa fallimentari u ta' dak tad-dejn tal-istess fallut, dawn il-fondi jistgħu jirriżultaw suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-krediti inklużi f'din il-lista, bl-eċċezzjoni tal-kreditu tal-bank G.

70 Għandu jitqies li, f'tali ċirkustanzi, miżura provviżorja, kif spjegat, essenzjalment, il-qorti tar-rinviju fir-risposta għat-talba għal kjarifiki msemmija fil-punt 47 ta' din is-sentenza, intiża għat-tnaqqis tal-ammonti miżmuma mis-salarju tal-persuna falluta fl-istennija ta' deċiżjoni li tagħlaq l-eżami tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, tista' tkun neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni żgurata mid-Direttiva 93/13 kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva li tirriżulta minnha, fatt li madankollu għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju.

71 Għall-finijiet ta' din id-determinazzjoni, din il-qorti għandha, b'mod partikolari, tevalwa jekk l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, li jikkonsistu fi tnaqqis tal-ammonti miżmuma mis-salarju tal-persuna falluta, hijiex neċessarja sabiex tiġi ggarantita lil din il-persuna falluta l-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13. Għal dan l-għan, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 104 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-imsemmija qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ, fosthom, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' indizji suffiċjenti li l-klawżoli kuntrattwali kkonċernati huma inġusti, il-possibbiltà konkreta li l-massa fallimentari diġà hija kkostitwita b'mod suffiċjenti sabiex tissodisfa lill-krediturі, bl-eċċezzjoni, jekk meħtieġ, tal-kreditu inkwistjoni, kif ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-imsemmija persuna falluta u r-riskju li jkollha ssostni estensjoni tal-proċedura ta' falliment li tista' twassal għal deterjorament mhux iġġustifikat tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha sakemm tiġi konkluża din il-proċedura.

72 Fid-dawl tar-raġunijiet kollha premessi, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment ta' persuni fiżiċi, ma tipprevedix il-possibbiltà għall-qorti tal-fallimenti li tordna miżuri provviżorji intiżi li jirregolaw is-sitwazzjoni tal-persuna falluta fl-istennija ta' deċiżjoni li tagħlaq l-eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu li minnu joriġina kreditu inkluż fil-lista ta' krediti approvata minn istanza ġudizzjarja oħra mingħajr ma tkun eżaminat in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ikkonċernat.

Fuq l-ispejjeż

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività,**

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment ta' persuni fiżiċi, ladarba l-lista tal-krediti tkun approvata minn istanza ġudizzjarja, mingħajr ma tkun eżaminat in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ikkonċernat, u l-proċedura tkun infetħet quddiem il-qorti tal-fallimenti, din tal-aħħar tkun marbuta b'din il-lista, b'tali mod li ma tkunx tista' tevalwa n-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu li fuqu huwa bbażat kreditu inkluż fl-imsemmija lista jew temenda l-istess lista, iżda għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirreferi l-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli lil din l-istanza ġudizzjarja.

2) **L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività,**

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment ta' persuni fiżiċi, ma tipprevedix il-possibbiltà għall-qorti tal-fallimenti li tordna miżuri provviżorji intiżi li jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tal-persuna falluta fl-istennija ta' deċiżjoni li tagħlaq l-eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu li minnu joriġina kreditu inkluż fil-lista ta' krediti approvata minn istanza ġudizzjarja oħra mingħajr ma tkun eżaminat in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ikkonċernat.

Firem